

# Il-Figura tal-Immakulata Kunċizzjoni fuq Qniepen Maltin u Għawdxin

Kenneth Cauchi
B. Cons. (Hons.) Mtls, Stn, Cer & Gls

L-użu tal-qniepen fil-Knejjes imur lura għal bosta snin u nistgħu ngħidu b'ċertezza li l-iskop tal-qniepen fil-knejjes kien primarjament marbut biex iservi bħala mezz ta' komunikazzjoni. Użu ieħor għall-qniepen kien dak li jkeċċi x-xjaten u jikkalma t-tempesti.[1] Ir-rwol tal-qniepen kien wieħed importantissimu u għal daqstant kważi sagrosant. F'dan ir-rigward, qanpiena ġdida kienet tkun sollennement ikkonsagrata mill-Isqof b'użu ta' Salmi Penitenzjali matul ir-rit liturġiku li kien għadu jintuża qabel ma sar il-Konċilju Vatikan II.

L-aħħar li ntuża f'Malta kien fl-1957 meta l-Arċisqof Gonzi kkonsagra sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, fonduti mill-Funderija Ingliża John Taylor & Co. ta' Loughborough fl-Ingilterra. Dan ir-rit liturġiku għadu fil-*Pontificale Romanvm* u jista' jintuża ġaladarba r-rit Latin isir skont il-liturġija dettata u proprja f'dan id-dokument uffiċjali tal-Knisja.

F'dan ir-rigward qegħdin naraw li l-qniepen tal-knejjes kienu allura mhux biss strumenti li jservu bħala mezz ta' komunikazzjoni biss imma anke bħala oġġetti sagri minħabba l-fatt li waqt iċ-ċerimonja ta' Konsagrazzjoni kull qanpiena kienet tindilek biż-żejt tal-morda kif ukoll tiġi nċensata u maħsula bl-ilma mbierek. Din ir-riferenza tista' tgħid hija waħda diretta fejn turi r-rabta tal-qanpiena mal-użu Ekleżjastiku li kien ikkonfermat meta bdew jitqiegħdu xbiehat u skrizzjonijiet sagri fuq il-qniepen. L-aktar xbiehat komuni li jidhru huma marbuta ma' San Ġużepp u l-Madonna, din tal-aħħar tidher taħt it-titli kollha differenti tagħha, fost l-aktar komuni jidher it-tnissil bla tebgħa ta' Marija Omm Alla jew aħjar kif nafuha aħna, il-Kunċizzjoni. Malta mhiex eċċezzjoni f'dan ir-rigward u diversi fondituri tal-qniepen inkludew ix-xbieha ta' Marija Immakulata fuq il-qniepen li għamlu, biss jidher li dan mhux dejjem kien isir b'mod konvenzjonali. B'din ir-rimarka rrid infisser li ġieli x-xbiehat kienu jidhru jew fuq talba ta' min ikkummissjona inkella fuq deċiżjoni tal-fonditur nnifsu li kien jiddeċiedi huwa x'immaġini jagħmel fuq il-qniepen. Hemm diversi modi kif saret ir-rappreżentazzjoni però ħaġa li tista' tgħid hija konsistenti f'kull immaġini tal-Immakulata hija li dejjem Hija raffigurata b'saqajha fuq ras is-serp u bil-figura tal-qamar taħt riġlejha.



Xbieha ta' Marija Mmakulata Kunċizzjoni mill-Funderija Paccard

Skont riċerka bir-reqqa tal-kollega tiegħi s-Sur Robert Cassar li għamel studju partikolari fuq l-immaġini u d-dekorazzjonijiet li jeżistu fuq il-qniepen ta' Malta bejn is-snin 1370 u l-1900, l-eqdem riferenza għal xbiehat ta' Marija Immakulata f'dawn il-gżejjer tinsab fuq it-tielet qanpiena fil-Bażilika tan-Nadur Għawdex fonduta fl-1740 mill-Fonditur tal-Ordni ta' San Ġwann Aloisio Bouchut. Aktar tard is-suċċessuri ta' Bouchut, il-fondituri aħwa Franġisku u Ġwakkin Trigance, fondew erba' qniepen bil-figura tal-Kunċizzjoni fuqhom fosthom it-tieni qanpiena tal-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq.[2]

Tmiem is-seklu tmintax ġab miegħu diversi bidliet f'Malta fosthom it-tkeċċija tal-Ordni ta' San Ġwann minn Malta u l-miġja qasira tal-Franċiżi u l-bidu tal-ħakma Ingliża fil-bidu tas-Seklu dsatax. Kien proprju f'dan iż-żmien fejn insibu li din il-kriżi politika f'Malta affettwat ukoll it-tfondija tal-qniepen b'mod li bdew jiġu fondituri barranin biex jaħdmu l-qniepen lokalment. Dawn kienu l-aħwa Sqallin Ferdinandu u Bastjan Leotta minn Acireale. Bħal ta' qabilhom, għamlu użu mill-figura ta' Marija mnissla mingħajr tebgħa fuq diversi qniepen li għamlu u li għadna ngawdu sal-lum.

Fost dawn hemm il-qanpiena l-kbira ta' Marsaxlokk li Leotta oriġinarjament fondewha għall-

Bażilika tal-Portu Salvu l-Belt u ssussegwentament din spiċċat Marsaxlokk fl-1948 meta nxtraw sett qniepen ġodda ta' Taylor għall-Belt.

Wara l-aħwa Leotta nsibu lill-fonditur Malti Salvu Cauchi minn Bormla jmidd idejh biex ifondi l-qniepen. Ma setax jonqos li Cauchi bħala resident tal-Belt Cospicua jibda jdaħħal il-figura tal-Immakulata Kunċizzjoni fuq mhux inqas minn ħames qniepen li huwa fonda, fosthom waħda li tinsab fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Kontemporanjament kienu qed isiru diversi importazjonijiet ta' qniepen li wkoll kellhom ix-xbieha ta' Marija Immakulata fonduta fuqhom. Dawk kienu xogħol il-fondituri Taljani Carlo Moreni u Boero fu Venanzio minn Firenze u Genova rispettivament li għamlu qniepen għall-Knisja ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi u l-Mosta lejn nofs is-seklu dsatax.

Il-fonditur Salvu Cauchi msemmi aktar 'il fuq, għadda l-funderija u x-xogħol kollu tal-qniepen lill-ibnu l-fustani Gulju Cauchi (1829 – 1904) li tista' tgħid qajjem rivoluzzjoni fit-tfondija tal-qniepen lokali kif ukoll għamel rinaxximent ġdid f'dan il-mestier kemm mil-lat akustiku kif ukoll mill-aspett estetiku. Kif għidna l-familja Cauchi kienet residenti f'Bormla u Gulju kien iben din il-Belt jiġifieri ma jistax jonqos li l-ġibda għal Marija Immakulata tkun xi ftit jew wisq tinfluwenza lil Gulju fl-għażla tal-immaġini għal fuq il-qniepen tiegħu. Dan il-fonditur Bormliż ħass il-bżonn li jagħmel erba' immaġini differenti tal-istess tema li kien japplika fuq qniepen ta' qisien diversi, li waħda fosthom tinsab fil-Knisja Parrokjali tal-Imqabba fonduta fl-1876. Gulju Cauchi laħaq il-quċċata tal-karriera brillanti tiegħu fl-1895 meta fonda l-qanpiena l-kbira tal-Belt Cospicua. Ir-rabtiet ta' din il-qanpiena ma' Marija Immakulata huma r-raffigurazzjoni ta' Marija mnissla mingħajr tebgħa (meħuda mill-vara titulari ta' Bormla stess), kif ukoll r-raffigurazzjoni tal-Papa Piju IX jżomm id-digriet tad-Domma tal-Immakulata. Gulju kien ukoll inkluda l-Kunċizzjoni fuq l-akbar qanpiena li qatt fonda għal Bażilika ta' Birkirkara li sfortunatament inqasmet fl-1914. Il-ġibda li kellu Gulju għall-Kunċizzjoni tidher fl-ammont ta' raffigurazzjonijiet tagħha fuq il-qniepen tiegħu, total ta' mhux inqas minn 47 darba. Huwa gajb li sal-lum għadha ma teżistix triq ġo Bormla msemmija għal dan il-Bormliż singulari u ta' fama.

Fi żmien li qed niktbu fih qed titfonda qanpiena ġdida għall-Knisja tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt jew kif magħrufa aħjar 'San Franġisk ta' Putirjal'. Din il-qanpiena ser titfonda fil-Funderija rinomata Franċiza Paccard li għamlet diversi qniepen għall-Malta fosthom il-qniepen tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan li huma magħrufa fost l-isbaħ qniepen li nsibu fi gżiritna. Din il-qanpiena l-ġdida ser tkun iddedikata lil Marija Immakulata kif tixhed l-iskrizzjoni Latina li ser ikun hemm fuqha li tgħid: *Immaculata Conceptio "Tota Pulchra es, Maria!"*

**Riferenzi:**

[1] *Daemones Expello, Tempestatesqve Sereno* – Skrizzjoni bil-Latin fuq qanpiena fonduta minn Antonio Guierrera u li għadha fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq.

[2] Ma jfissirx li qniepen f'Malta eqdem mill-1740 qatt ma ġew fonduti bil-Kunċizzjoni fuqhom. Ifisser biss li sa fejn nafu, l-eqdem li niltaqgħu magħha hija l-1740. Jista' jagħti l-każ li kien hemm oħrajn u tkissru għal bronż mal-medda taż-żmien.

- Cassar R. *The Decoration on the Bells of Malta* (1370 – 1900) University of Malta,
- Unpublished Masters dissertation.


TROCADERO
Pastizzeria & Confectionery
Tel: 2164 7233

Triq San Bażilju,
Mqabba
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna wkoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**